Nru./No. 21,126
Prezz/Price
€9.72

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 6 ta' Ottubru, 2023
Friday, 6th October, 2023

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta 11,441
Proclamation by the President of Malta *11,441*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 11,442 - 11,464
Government Notices ..... *11,442 - 11,464*

Avviżi tal-Pulizija ..... 11,464 - 11,475
Police Notices ..... *11,464 - 11,475*

Avviżi lill-Baħħara ..... 11,475 - 11,477
Notices to Mariners ..... *11,475 - 11,477*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 11,477 - 11,620
Employment Opportunities ..... *11,477 - 11,620*

Avviżi tal-Gvern ..... 11,620 - 11,630
Notices ..... *11,620 - 11,630*

Offerti ..... 11,630 - 11,635
Tenders ..... *11,630 - 11,635*

Avviżi tal-Qorti ..... 11,636 - 11,652
Court Notices ..... *11,636 - 11,652*

ANNO DOMINI 2023 NRU. VIII

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-4 ta' Ottubru, 2023, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum 4 ta' Ottubru, 2023.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2023 NO. VIII

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 4th day of October, 2023, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 4th day of October, 2023.

By Authority,

(Sd) ROBERT ABELA
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1360

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023, matul l-assenza minn Malta tal-Onor. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

L-4 ta' Ottubru, 2023
(OPM/19/2022)

Nru. 1361

KUMMISSJONI TAL-IMPJIEG

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bit-Taqsima 120 tal-Kostituzzjoni, ħatar lil Dott. Rodianne Sciberras bħala Membru tal-Kummissjoni tal-Impjieg għal perjodu ieħor ta' tliet snin b'seħħ mid-19 ta' Ottubru, 2023.

Is-6 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1362

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja ta' Kummissjoni fir-rank ta' Second Lieutenant fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari), lill-Uffiċjali Kadetti msemmija hawn taħt b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimhom.

22001 Off/Cdt Bonett Stephen Maxwell	4 ta' Lulju, 2023
88330 Off/Cdt Camilleri Ismael	4 ta' Lulju, 2023
22004 Off/Cdt Formosa Luke	4 ta' Lulju, 2023
22002 Off/Cdt Pulis Lydon	4 ta' Lulju, 2023
87993 Off/Cdt Micallef Norville Paul	4 ta' Lulju, 2023
22005 Off/Cdt Frendo Alexander	4 ta' Lulju, 2023

Is-6 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1363

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova t-trasferiment tal-Kaptan Claudio Muscat mill-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta għall-Forza tar-Riżerva Regolari, meta rtira, b'seħħ mis-6 ta' Ottubru, 2023.

Is-6 ta' Ottubru, 2023

GOVERNMENT NOTICES

No. 1360

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Chris Fearne, MD, FRCS (Ed), MP, Deputy Prime Minister and Minister for Health, assumes the additional duties of Prime Minister on Thursday, 5th October, 2023, during the absence from Malta of the Hon. Robert Abela, KUOM, BA, LLD, Adv. Trib. Melit., MP.

4th October, 2023

No. 1361

EMPLOYMENT COMMISSION

IT is hereby notified for general information that the President of Malta, in exercise of the powers conferred on him by Section 120 of the Constitution, has appointed Dr Rodianne Sciberras as Member of the Employment Commission for another period of three years with effect from 19th October, 2023.

6th October, 2023

No. 1362

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta had the pleasure to approve the grant of a Commission in the rank of Second Lieutenant in the Armed Forces of Malta (Regular Force) to the undermentioned Officer Cadets with effect from the date as shown against their names.

22001 Off/Cdt Bonett Stephen Maxwell	4th July, 2023
88330 Off/Cdt Camilleri Ismael	4th July, 2023
22004 Off/Cdt Formosa Luke	4th July, 2023
22002 Off/Cdt Pulis Lydon	4th July, 2023
87993 Off/Cdt Micallef Norville Paul	4th July, 2023
22005 Off/Cdt Frendo Alexander	4th July, 2023

6th October, 2023

No. 1363

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE President of Malta has the pleasure to approve the transfer of Captain Claudio Muscat from the Regular Force of the Armed Forces of Malta to the Regular Reserve Force, on retirement, with effect from 6th October, 2023.

6th October, 2023

Nru. 1364

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 64 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Ċivili;

Abbozz ta' Liġi Nru 65 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta;

Abbozz ta' Liġi Nru 66 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5);

Abbozz ta' Liġi Nru 67 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6); u

Abbozz ta' Liġi Nru 68 imsejjaħ l-Att tal-2023 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7).

Is-6 ta' Ottubru, 2023

No. 1364

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 64 entitled the Civil Code (Amendment) Act, 2023;

Bill No. 65 entitled the Conduct Certificates Ordinance (Amendment) Act, 2023;

Bill No. 66 entitled the Criminal Code (Amendment No. 5) Act, 2023;

Bill No. 67 entitled the Criminal Code (Amendment No. 6) Act, 2023; and

Bill No. 68 entitled the Criminal Code (Amendment No. 7) Act, 2023.

6th October, 2023

No. 1365

MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti tal-2023 dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta (Emenda Nru. 2)

1. Introduzzjoni

Id-Direttiva (UE) 2020/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2020 li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq u li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "d-Direttiva emendatorja"), ġiet oriġinarjament trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn hawn 'il quddiem imsejħa "Transport Malta") permezz tar-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta, ippubblikat bħala A.L. 299 tal-2022 u emendat aktar tard permezz tar-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta, ippublikati bħala l-A.L. 189 tal-2023.

Il-verżjoni kkonsolidata tar-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati F'Malta, L.S. 499.72, għandha tkun hawn aktar 'il quddiem imsejħa bħala "r-regolamenti prinċipali".

Din l-emenda l-ġdida tkompli tittrasponi l-Artikoli 1(13), 1(15) u 8 tad-Direttiva emendatorja fir-regolamenti prinċipali, fejn ġew stabbiliti regoli speċifiċi għall-industrija tat-trasport fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE u għalhekk dan kellu jiġi rifless fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni saru bl-għan u f'konformità mal-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Sommarju u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jkompli jsaħħaħ is-settur tat-trasport stradali f'wieħed sikur, effiċjenti u soċjalment responsabbli billi jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol u protezzjoni soċjali xierqa għax-xufiera, kif ukoll, kundizzjonijiet adattati għan-negozju u għall-kompetizzjoni ġusta għall-operaturi tat-trasport bit-triq (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "operaturi"). Tali regolamenti speċifiċi għas-settur kienu meħtieġa minħabba li r-rata ta' mobbiltà tal-forza tax-xogħol fis-settur tat-trasport stradali hija għolja, sabiex jiżguraw bilanċ bejn il-libertà tal-operaturi li jipprovdu servizzi transkonfinali, il-moviment liberu tal-merkanzija, kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u protezzjoni soċjali għax-xufiera.

Ir-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f' Malta (Emenda Nru. 2) għandhom jimponu tliet (3) obbligi fuq Malta, l-awtoritajiet regolatorji (id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Relazzjonijiet ta' Impjiegu Transport Malta) u l-impjegaturi mandanti (min iħaddem) huma dawn li ġejjin:

1. Obbligu fuq l-operaturi biex jiżguraw li l-informazzjoni pprovduta fir-repożitorju tal-IMI tinżamm għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar;

2. Obbligu fuq l-awtoritajiet regolatorji sabiex jiżguraw li kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll ma jaffettwax it-tul ta' żmien u d-dati tal-istazzjonar, billi jiżguraw l-implimentazzjoni proprja tal-ispezzjonijiet fil-ġenb tat-triq f'konformità mal-Proċeduri Operattivi Standard ippubblikati mill-Awtorità għal dan il-għan;

3. Obbligu għall-awtoritajiet regolatorji sabiex jikkooperaw ma' xulxin sabiex jipprovdu taħriġ u għarfien adegwat lill-awtoritajiet tal-infurzar u lill-impjegati rispettivament.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-Regolamenti tal-2023 dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta (Emenda Nru. 2) huma magħmulin minn tliet (3) regolamenti li jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Regolament 1 – Ċitazzjoni u kamp ta' applikazzjoni.
Regolament 2 – Jemenda r-Regolament 8 mar-regolamenti prinċipali.
Regolament 3 – Jemenda r-Regolament 8A mar-regolamenti prinċipali.

4. Kummentarju

Ir-Regolament 1: Jintroduċi t-titolu tar-regolamenti u tispjega l-għantar-regolamenti, li huwa t-traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva emendatorja.

Ir-regolament 2: Iżid żewġ (2) obbligi rigward l-informazzjoni pprovduta fir-repożitorju tal-IMI li għandhom jinżammu mill-operaturi għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar; u l-ħtieġa sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' kontroll ma jaffettwax it-tul ta' żmien u d-dati tal-istazzjonar billi l-ispezzjonijiet fil-ġenb tat-triq ikunu konformi mal-Proċeduri Operattivi Standard ippubblikati mill-Awtorità għal dan il-għan;

Ir-regolament 3: Iżid obbligu wieħed (1) għaż-żewġt awtoritajiet regolatorji, Transport Malta u d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Relazzjonijiet ta' Impjieg biex jikkooperaw ma' xulxin sabiex jipprovdu taħriġ u għarfien adegwat lill-awtoritajiet tal-infurzar u lill-impjegati, rispettivament.

5. Konklużjoni

Dawn ir-Regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Għal aktar informazzjoni jew kjarifiki fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jekk jogħġbok irreferi l-mistoqsijiet tiegħek lil DIER permezz ta' email fuq l-indirizz elettroniku info.dier@gov.mt u, jew lil Transport Malta permezz ta' email fuq l-indirizz elettroniku (info.tm@transport.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Anness

Noti ta' Trasposizzjoni għall-fini tal-paragrafu (vi) tas-Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta

Direttiva 2020/1057	**Ir-Regolamenti dwar Xufiera Stazzjonati f'Malta (L.S. 499.72)**
Artikolu 1(13)	Ir-Regolament 8
Artikolu 1(15)	Ir-Regolament 8
Artikolu 8	Ir-Regolament 8A

Is-6 ta' Ottubru, 2023

No. 1365

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

Explanatory Notes[1]

Posting of Drivers in Malta (Amendment No. 2) Regulations, 2023

1. Introduction

Directive (EU) 2020/1057 of the European Parliament and of the Council of 15 July 2020 laying down specific rules with respect to Directive 96/71/EC and Directive 2014/67/EU for posting drivers in the road transport sector and amending Directive 2006/22/EC as regards enforcement requirements and Regulation (EU) No 1024/2012 (hereinafter referred to as "the amending Directive"), was originally transposed in national legislation by the Authority for Transport in Malta (hereinafter referred to as Transport Malta) through the Posting of Drivers in Malta Regulations, 2022, published as L.N. 299 of 2022, and later amended by means of the Posting of Drivers in Malta (Amendment) Regulations, 2023, published as L.N. 189 of 2023.

The consolidated version of the Posting of Drivers in Malta Regulations, S.L.499.72, shall be hereinafter referred to as "the principal regulations".

This new amendment further transposes Articles 1(13), 1(15) and 8 of the amending Directive into the principal regulations, whereby transport industry specific rules were laid down with respect to Directive 96/71/EC and Directive 2014/67/EU and therefore had to be mirrored in national legislation.

2. Summary and background

The purpose of these regulations is to further enhance a safe, efficient and socially responsible road transport sector by ensuring adequate working conditions and social protection for drivers, on the one hand, and suitable conditions for business and for fair competition for road transport operators (hereinafter referred to as "operators"), on the other. Such sector-specific regulations were necessary due to the high degree of mobility of the workforce in the road transport sector, to ensure a balance between the freedom of operators to provide cross-border services, free movement of goods, adequate working conditions and social protection for drivers.

The Posting of Drivers in Malta (Amendment No. 2) Regulations, 2023 shall impose three (3) obligations on Malta, the regulatory authorities (Department for Industrial and Employment Relations and Transport Malta) and the sending parties (employers) being the following:

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

1. An obligation on operators to ensure that the information provided in the IMI repository is retained for a period of twenty-four (24) months;

2. An obligation on the regulatory authorities to ensure that any delays in implementation of control measures do not affect the duration and dates of posting, by ensuring the proper implementation of road-side checks in compliance with the Standard Operation Procedures published by the Authority for this purpose;

3. An obligation for the regulatory authorities to co-operate with one another in order to provide adequate training and knowledge to enforcement authorities and employees respectively.

3. Overview of the structure of the instrument

The Posting of Drivers in Malta (Amendment No. 2) Regulations, 2023 is made up of three (3) regulations and consist of the following:

Regulation 1 – Citation and scope.
Regulation 2 – Amends regulation 8 to the principal regulations.
Regulation 3 – Amends regulation 8A to the principal regulations.

4. Commentary

Regulation 1: Introduces the title of the regulations and explains the scope of the regulations, being the partial transposition of the amending Directive.

Regulation 2: Adds two (2) obligations regarding the information provided in the IMI repository to be retained by operators for a period of twenty four (24) months; and the need to ensure that any delays in implementation of control measures do not affect the duration and dates of the posting by having road side inspections comply with the Standard Operation Procedures published by the Authority for this purpose;

Regulation 3: Adds one (1) obligation for both regulatory authorities, TM and DIER to co-operate with one another in order to provide adequate training and knowledge to enforcement authorities and employees, respectively.

5. Concluding section

These regulations shall come into force upon their publication in the Gazette.

For more information or clarification on the implementation of these regulations, kindly refer your queries to DIER via email on info.dier@gov.mt and, or to Transport Malta via email on info.tm@transport.gov.mt.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

Annex

Transposition Notes for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta

Directive 2020/1057	**Posting of Drivers in Malta Regulations (S.L. 499.72)**
Article 1(13)	Regulation 8
Article 1(15)	Regulation 8
Article 8	Regulation 8A

6th October, 2023

Nru. 1366

AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA

Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr – Phase 2 (indikat fuq il-pjanta fuq il-paġna 11,448).

Triq li tagħti min Għajn Tuffieħa għax-Xemxija (indikat fuq il-pjanta fuq il-paġna 11,449)

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jifformaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn is-17 ta' Ottubru, 2023 u l-31 ta' Mejju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn id-9 ta' Ottubru, 2023 u l-31ta' Mejju, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq li taghti min Ghajn Tuffieha għax-Xemxija, il-Mellieħa. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar għajnuna jew informazzjoni, tinkiseb permezz ta' email fuq (info.im@infrastructuremalta.com).

Is-6 ta' Ottubru, 2023

No. 1366

AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA

Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq Sir Harry Luke, Mġarr – Phase 2 (indicated on site plan on page 11,448).

Road leading from Għajn Tuffieħa to Xemxija (indicated on site plan on page 11,449)

Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.


The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 17th October, 2023 and 31st May, 2024, it will be starting road works in Triq Sir Harry Luke, Mġarr. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 9th October, 2023 and 31st May, 2024, it will be starting road works in road leading from Għajn Tuffieha to Xemxija, Mellieħa. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related "no parking" signs on site are liable to be towed.

More information or assistance can be obtained via email to (info.im@infrastructuremalta.com).

6th October, 2023



INFRASTRUCTURE MALTA

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon	UNIT NAME: IMPLEMENTATION	DRAWING TITLE: L-IMGARR Triq Sir Harry Luke - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)		
S:\Traffic Management\2017\Gharghur\2017 Gharghur.dwg	HEAD OF UNIT: N.V.			
	PROJECT LEADER: -	DATE: Sep 2023	FILE NO: -	DRAWING NO: RD187/17
	DRAWN BY: -	SHEET SIZE: A3	SCALE: 1:2500	REVISION: E / PAGE NO: 2

SITE
INFRASTRUCTURE MALTA
UNIT NAME: IMPLEMENTATION
HEAD OF UNIT: N.V.
PROJECT LEADER: -
DRAWN BY: -
CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ing. Fredrick Azzopardi
DRAWING TITLE: SAN PAWL IL-BAHAR TRIQ GHAJN TUFFIEHA - SITE PLAN (Extents of Works are not binding but indicative)
DATE: DEC 2021
FILE NO: -
DRAWING NO: IMD404/21
SHEET SIZE: A3
SCALE: 1:5000
REVISION: A
PAGE NO: 9
S:\Traffic Management\2021\S.Pawl il-Bahar\2021 S.Pawl il-Bahar.dwg

Nru. 1367

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FI FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 630 tat-3 ta' Awwissu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1367

NUMBERING OF DOORS AT FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 630 dated 3rd August, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

FLEUR-DE-LYS, BIRKIRKARA

1. TRIQ A. CUSCHIERI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Borg

Left side entering from Triq Borg

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
No. 16, Marigold	37
Garaxx	39
Garaxx	41
Garaxx	43

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Borg

Right side entering from Triq Borg

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
37	37
Bieb bla numru	**39**
Bieb bla numru	**39A**
The Creek (Flettijiet)	**41**
Daħla għall-garaxxijiet	**41A**
43 (Garaxx)	43

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Is-6 ta' Ottubru, 2023

6th October 2023

Nru. 1368

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'BIRKIRKARA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 231 tal-20 ta' Marzu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1368

NUMBERING OF DOORS AT BIRKIRKARA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 231 dated 20th March, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments in **bold** should be made.

BIRKIRKARA

36. TRIQ IL-5 TA' DIĊEMBRU 1630

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq F. Zahra

Left side entering from Triq F. Zahra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	1
Oak Leaves/The Bore	3
Garaxx	5
Eden	7
Garaxx	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq F. Zahra

Right side entering from Triq F. Zahra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	11		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Immaculate Conception	**1**		
Faberge Mansions	**1A**		
1, Kevin Garage	**1B**		
3, Oak Leaves/Thebor	3		
5 (Garaxx)	5		
Daħla għall-garaxxijiet	**7**		
9A, Eraven	**9**		
Safe Haven (Flettijiet)	**9A**		
11 (Garaxx)	11		

Is-6 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1369

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 854 tat-12 ta' Lulju, 2022, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

6th October 2023

No. 1369

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 854 dated 12th July, 2022, under the title 'Numbering of doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

1. TRIQ ANICI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira
Left side entering from Triq il-Kbira

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira
Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	117		
58	119		
59, Bless This House	121		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
117 (Garaxx)	117		
Garaxx	**119**		
Bieb bla numru	**119A**		
121, Bless This House	121		

Is-6 ta' Ottubru, 2023

6th October 2023

Nru. 1370

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAL QORMI

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 451 tat-2 ta' Ġunju, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħal Qormi', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1370

NUMBERING OF DOORS AT ĦAL QORMI

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 451 dated 2nd June, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Ħal Qormi', the following amendments in **bold** should be made.

ĦAL QORMI

48. TRIQ IT-TIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ħal Luqa

Left side entering from Triq Ħal Luqa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	21
Laffu (Garaxx)	23
Ħanut tal-Ħelu	25
Meggie Flats (1-2)	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ħal Luqa

Right side entering from Triq Ħal Luqa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
21 (Garaxx)	21
Garaxx	**23**
23, Antorija (Flettijiet)	**23A**
Bieb bla numru (Flettijiet)	**25**
Garaxx	**25A**
27, Meggie Flats	27

Is-6 ta' Ottubru, 2023

6th October 2023

Nru. 1371

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SANTA VENERA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1054 tas-17 ta' Ottubru, 2014, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Santa Venera', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 1371

NUMBERING OF DOORS AT SANTA VENERA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1054 dated 17th October, 2014, under the title 'Renumbering of doors at Santa Venera', the following amendments in **bold** should be made.

SANTA VENERA

1. TRIQ IL-BRUNŻAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Left side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Parroċċa

Right side entering from Triq il-Parroċċa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	58
Sit bla bini	60
Sit bla bini	62
Alexia	64

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		58, **Ficus Garage**	58
		Bieb bla numru (Flettijiet)	**60**
		Garaxx	**62**
		64, Alexia	64

Is-6 ta' Ottubru, 2023

Nru. 1372

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Marco Buttigieg bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Michela Pace u dan għall-perjodu bejn id-9 ta' Ottubru, 2023 u l-10 ta' Novembru, 2023.

Illum 2 ta' Ottubru, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

6th October 2023

No. 1372

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Marco Buttigieg to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Michela Pace for the period between the 9th October, 2023, and the 10th November, 2023.

Today the 2nd October, 2023

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

Nru. 1373

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
6.10.2023	€55.886	€0.649

Is-6 ta' Ottubru, 2023

No. 1373

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

6th October, 2023

Nru. 1374

Repubblika ta' Malta
Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol
Dipartiment tat-Teżor

Ħruġ ta'
Stocks tal-Gvern ta' Malta
Ħruġ b'Irkant

3.85% Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (VI)
ISIN: MT0000013822

u

3.95% Stock tal-Gvern ta' Malta 2028 (VII)
ISIN: MT0000013830

Ħruġ b'irkant ta' Euro 200,000,000 soġġett għal Dritt li jiżdied b'ammont addizzjonali sa massimu ta' Euro 150,000,000 f'każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont offrut

Data taċ-Ċirkolari tal-Offerta: 6 ta' Ottubru, 2023

ĊIRKOLARI TAL-OFFERTA

1. Irkant ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta

L-Accountant General jilqa' offerti għall-Stock tal-Gvern ta' Malta għas-somma nominali flimkien ta' Euro 200,000,000 li qiegħed jiġi offrut f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks imsemmija hawn taħt:

(1) **3.85% Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (VI);** u
(2) **3.95% Stock tal-Gvern ta' Malta 2028 (VII).**

2. Ġenerali

Din iċ-Ċirkolari tal-Offerta qiegħda tinħareġ skont l-artikolu 25(1) tal-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-regola 6(3) tar-Regolamenti tal-iStocks tal-Gvern ta' Malta u skont l-arranġamenti kif deskritti fil-Prospett Ġenerali tal-iStocks tal-Gvern ta' Malta relatati mal-ħruġ ta' Stocks tal-Gvern ta' Malta ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Novembru 2018 flimkien mal-emendi sussegwenti li ġew ippubblikati tramite Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 176 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern ta' nhar il-Ħamis id-9 ta' Frar 2023. It-termini tal-Prospett Ġenerali japplikaw għall-iStocks tal-Gvern ta' Malta msemmija aktar 'l fuq u għall-metodu li bih qegħdin jinħarġu (ħruġ b'irkant) ħlief meta speċifikament jiġi provdut mod ieħor.

3. Ħlas ta' Mgħax

L-imgħax fuq kull Stock jitħallas kull sitt xhur b'lura u jinħadem skont sub-artikoli 4.1 (a) sa 4.1 (d) tal-Prospett Ġenerali.

(a) Imgħax bir-rata ta' 1.925% tat-3.85% Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (VI) jitħallas kull sitt xhur b'lura fil-5 ta' Frar u fil-5 ta' Awwissu ta' kull sena waqt il-kors tal-iStock ħlief għall-ewwel ħlas ta' mgħax li jsir fil-5 ta' Frar 2024 bir-rata ta' 1.161277%. L-ewwel ħlas ikopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mid-data ta' meta jsir il-ħlas tal-irkant, is-17 ta' Ottubru 2023 (id-data tal-ħruġ) sal-4 ta' Frar 2024 (iż-żewġ dati nklużi);

(b) Imgħax bir-rata ta' 1.975% tat-3.95% Stock tal-Gvern ta' Malta 2028 (VII) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 ta' Awwissu ta' kull sena waqt il-kors tal-iStock ħlief għall-ewwel ħlas ta' mgħax li jsir fit-8 ta' Frar 2024 bir-rata ta' 1.223641%. L-ewwel ħlas ikopri mgħax imħallas b'lura għall-perjodu mid-data ta' meta jsir il-ħlas tal-irkant, is-17 ta' Ottubru 2023 (id-data tal-ħruġ) sas-7 ta' Frar 2024 (iż-żewġ dati nklużi).

4. Maturità

L-iStocks li ser jinħarġu ser jinfdew kif jidher hawn taħt:

(a) **it-3.85% Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (VI)** għandu jinfeda b'parità fil-5 ta' Awwissu 2026; u

(b) **it-3.95% Stock tal-Gvern ta' Malta 2028 (VII)** għandu jinfeda b'parità fit-8 ta' Awwissu 2028.

5. Ħruġ u Metodu ta' Kif Issir l-Applikazzjoni

Il-ħruġ tal-iStocks tal-Gvern ta' Malta għandu jsir permezz ta' rkant. L-offerti għandhom isiru b'mod kompetittiv skont Artikolu 8 tal-Prospett Ġenerali. Kull formola tal-applikazzjoni għandha tinkludi offerta kompetittiva waħda u kull offerta għandha tkun għal minimu ta' Euro 500,000 u f'multipli ta' Euro 100,000 kull waħda.

(a) Offerti li jridu jsiru fuq il-formoli preskritti għandhom jintbagħtu permezz ta' e-mail fl-indirizzi indikati fuq il-formola tal-applikazzjoni jew permezz ta' fax fuq 2596 7210 jew jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tat-Teżor, il-Floriana u għandhom jaslu sa mhux aktar tard mid-data u l-ħin tal-għeluq kif indikat fl-Artikolu 6 aktar 'l isfel.

(b) Formoli tal-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mingħand il-membri kollha tal-Borża ta' Malta u Provdituri ta' Servizzi ta' Investiment oħra awtorizzati, jew jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq is-sit elettroniku tat-Teżor, www. treasury.gov.mt.

(c) Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' jistgħu jkunu magħmulin minn klijent sottostanti wieħed jew aktar u għandu jintefa' prezz tal-offerta wieħed għal kull applikazzjoni. Applikazzjonijiet li jsiru f'isem 'Nominee a/c' u/jew 'Clients a/c' jiġu aċċettati biss jekk dawn ikollhom magħhom lista bin-numru tal-karta tal-identità, jew fil-każ ta' korp ġuridiku, in-numru tal-identità relevanti tal-klijenti rispettivi tagħhom.

(d) L-Accountant General jirriżerva d-dritt li jirrifjuta kull offerta kompetittiva sħiħa jew parti minnha.

6. Ftuħ u l-Aħħar Ħin għas-Sottomissjonijiet tal-Offerti

L-applikazzjonijiet jiftħu **il-Ġimgħa, t-13 ta' Ottubru 2023 fit-8.30 a.m.** u jagħlqu **f'nofsinhar (CET) tal-istess ġurnata.** Ebda applikazzjoni ma tista' tiġi rtirata wara l-ħin tal-għeluq.

7. Linji Gwida ta' Ipprezzar

L-Accountant General ser iħabbar linji gwida indikattivi ta' ipprezzar li jikkonsistu minn spread indikattiva fuq ir-rati tal-euro mid-swap relevanti li jirriflettu b'mod wiesa' l-kondizzjonijiet fis-suq sekondarju tat-3.85% Stock tal-Gvern ta' Malta 2026 (VI) u tat-3.95% Stock tal-Gvern ta' Malta 2028 (VII). Il-linji gwida ta' ipprezzar jiġu ppubblikati mid-Dipartiment tal-Informazzjoni tal-Gvern ta' Malta permezz ta' Stqarrija għall-Istampa nhar **il-Ħamis, it-12 ta' Ottubru 2023** jiġifieri fl-għeluq tas-suq sekondarju tal-Borża ta' Malta fil-ġurnata ta' negozju li tiġi qabel id-data tal-irkant. Il-linji gwida tal-ipprezzar jiġu ppubblikati wkoll fuq is-sit elettroniku tat-Teżor.

8. Allokazzjoni

L-Allokazzjoni ssir skont is-sub-artikoli 10.2 (a) sa 10.2 (e) tal-Prospett Ġenerali tal-iStock tal-Gvern ta' Malta.

9. Għażla ta' Over-allotment

Is-somma ta' flus li għandha tinġabar f'xi wieħed jew aktar miż-żewġ Stocks tkun ta' Euro 200,000,000. L-Accountant General jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'ammont addizzjonali sa massimu ta' Euro 150,000,000 f'każ li d-domanda tkun aktar mill-ammont offrut.

10. Fungibility

L-Accountant General iżomm id-dritt li joħroġ, fil-futur, ammonti addizzjonali minn kull Stock imsemmi fi tranches oħra. Fil-każ ta' aktar ħruġ minn dawn l-iStocks, huma jkollhom l-istess drittijiet bħall-iStocks eżistenti, u jkunu soġġetti għall-

istess termini u kondizzjonijiet li japplikaw għal dawn l-iStocks. Fil-każ li dawn l-iStocks jerġgħu jinħarġu fil-futur dawn għandhom jiġu integrati mal-iStock eżistenti u jitqiesu bħala Stock wieħed.

11. Negozju fil-Borża ta' Malta

Skont l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345 tal-Liġijiet ta' Malta), saret applikazzjoni għand l- Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta biex kull Stock jiġi elenkat fil-Lista Uffiċċjali u jkun jista' jiġi negozjat fis-suq regolat tal-Borża ta' Malta.

12. Ħlas tal-Offerti Milqugħa

L-offerenti li l-offerti tagħhom jiġu milqugħa fl-irkant għandhom iħallsu l-ammont dovut skont is-sub-artikoli 13.1 (b) sa 13.1 (e) tal-Prospett Ġenerali. Għal dan il-għan, il-ħlas tal-offerti milqugħa għandu jsir sa mhux aktar tard **mill-10.00 a.m. (CET) tat-Tlieta s-17 ta' Ottubru 2023 skont il-konvenzjoni tas-suq T+2.**

13. Liġi Applikabbli u Ġurisdizzjoni

Il-leġislazzjoni rilevanti li taħtha qegħdin jinħarġu l-istocks tal-Gvern ta' Malta hi (a) l-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi (Kap. 634 tal-Liġijiet ta' Malta), (b) l-Att dwar Self tal-Gvern u l-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku (Kap. 575 tal-Liġijiet ta' Malta), (c) ir-Regolamenti dwar l-istocks tal-Gvern ta' Malta u (d) l-Prospett Ġenerali tal-istock tal-Gvern ta' Malta.

Kull proċeduri legali li jkollhom x'jaqsmu ma' dawn il-prospetti li jirregolaw il-ħruġ tal-iStocks tal-Gvern ta' Malta għandhom ikunu regolati u nterpretati skont il-liġijiet ta' Malta. Il-Qrati Maltin għandhom ġurisdizzjoni esklussiva biex jisimgħu u jiddeċiedu f'kull tilwima li tista' tinqala' taħt dawn il-prospetti.

14. Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi

Dawn l-iStocks huma soġġetti għall-Klawsoli ta' Azzjonijiet Kollettivi li sommarju tagħhom jinsabu fil-Prospett Ġenerali tal-iStock tal-Gvern ta' Malta. Il-Klawsoli ta' Azzjoni Kollettiva sħaħ u fid-dettal kollu tagħhom jinsabu fuq is-sit elettroniku tat-Teżor fis-sezzjoni riservata għad-Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku. Skont id-deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2011, u skont paragrafu 3 tal-Artikolu 12 tat-Trattat li jistabillixxi l-Mekkaniżmu ta' Stabbilità Ewropea (ESM), il-mudell KAK sar mandatorju għat-titoli ġodda tal-gvern li jimmaturaw 'l fuq minn sena maħruġa mill-pajjiżi taż-żona euro, mill-1 ta' Jannar 2013 'il quddiem.

Nota: Il-valur tal-investiment jista' jitla' u/jew jinżel matul iż-żmien li l-istock ikun fis-suq.

It-Teżor
Direttorat tal-Amministrazzjoni tad-Dejn Pubbliku
Il-Furjana - Malta

Is-6 ta' Ottubru, 2023

No. 1374

Republic of Malta
Ministry for Finance and Employment
Treasury Department

Issue of
Malta Government Stocks
by Auction

3.85% Malta Government Stock 2026 (VI)
ISIN: MT0000013822

and

3.95% Malta Government Stock 2028 (VII)
ISIN: MT0000013830

Auction of Euro 200,000,000 subject to an over-allotment option up to a maximum of Euro 150,000,000 in the event of oversubscription

Date of issue of the Offering Circular: 6th October, 2023

OFFERING CIRCULAR

1. Auction of the Malta Government Stocks

The Accountant General invites bids for an aggregate nominal amount of Euro 200,000,000 of Malta Government Stocks which are being offered and made available in any one or any combination of the following two Stocks:

(1) **3.85% Malta Government Stock 2026 (VI);** and
(2) **3.95% Malta Government Stock 2028 (VII).**

2. General

This Offering Circular is issued in terms of article 25(1) of the Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta), Regulation 6(3) of the Malta Government Stocks Regulations and in terms of the arrangements described in the General Prospectus of the Malta Government Stocks related to the issuance of Malta Government Stocks published on the Government Gazette of the 30th November 2018 together with its subsequent amendments published by virtue of Government Notice No. 176 in the Government Gazette of Thursday the 9th of February 2023. The terms of the General Prospectus apply to the above Malta Government Stocks and to the mechanism of issuance (by auction) described in this Offering Circular except where expressly varied.

3. Payment of Interest

Interest on each Stock is payable half yearly in arrears and is calculated in accordance with sub-articles 4.1(a) to 4.1(d) of the General Prospectus.

(a) Interest at the rate of 1.925% in respect of the 3.85% Malta Government Stock 2026 (VI) shall be payable semi-annually in arrears on the 5th of February and the 5th of August in every year for the duration of the Stock save for the first interest payment which will be on the 5th of February 2024 at the rate of 1.161277%. The first interest payment will include accrued interest from the settlement date of the auction, the 17th of October 2023 (the issue date) up to and including the 4th of February 2024 (both dates inclusive);

(b) Interest at the rate of 1.975% in respect of the 3.95% Malta Government Stock 2028 (VII) shall be payable semi-annually in arrears on the 8th of February and the 8th of August in every year for the duration of the Stock save for the first interest payment which will be paid on the 8th of February 2024 at the rate of 1.223641%. The first interest payment will include accrued interest from the settlement date of the auction, the 17th of October 2023 (the issue date) up to and including the 7th of February 2024 (both dates inclusive).

4. Maturity

The Stocks on issue shall be redeemed as follows:

(a) the **3.85% Malta Government Stock 2026 (VI)** will be repaid at par on the 5th of August 2026; and

(b) the **3.95% Malta Government Stock 2028 (VII)** will be repaid at par on the 8th of August 2028.

5. Issuance and Method of Application

The issuance of the Malta Government Stocks shall be done by way of tender. Bids shall be made on a competitive basis in accordance with Article 8 of the General Prospectus. Each application form must comprise one competitive bid and each bid must be for a minimum of Euro 500,000 and in multiples of Euro 100,000 each.

(a) Bids on the prescribed application forms are to be transmitted by e-mail at the e-mail addresses indicated on the application form or by fax on 2596 7210 or lodged by hand at the Treasury Tender Box at the Treasury's premises in Floriana and are to be received by not later than the closing date and time indicated in Article 6 below.

(b) Application forms may be obtained from all members of the Malta Stock Exchange, other authorised Investment Service Providers or downloaded from Treasury's website at www.treasury.gov.mt.

(c) Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' may be made up of one or more underlying clients and there shall be one bid price for each application. Applications in the name of 'Nominee a/c' and/or 'Clients a/c' will only be accepted if accompanied by a list showing the identity card number or in case of a body corporate, the relevant identification number of their respective clients.

(d) The Accountant General reserves the right to reject any competitive bid or part thereof.

6. Opening and Latest Time for Submission of Bids

The applications open at **8.30 a.m. on Friday, the 13th of October 2023** and close on the same day **at noon (CET)**. All applications will be irrevocable after closing time.

7. Pricing Guidelines

The Accountant General will announce indicative pricing guidelines consisting of an indicative spread over the corresponding euro mid-swap rate, broadly reflecting the secondary market conditions with respect to the 3.85% Malta Government Stock 2026 (VI) and the 3.95% Malta Government Stock 2028 (VII). The pricing guidelines will be published by a Press Release to be issued by the Department of Information of the Government of Malta on **Thursday, the 12th of October 2023**, that is, at close of business of the secondary market of the Malta Stock Exchange on the business day preceding the auction date. The pricing guidelines will be published also on Treasury's website.

8. Allotment

Allotment will be made in accordance with sub-articles 10.2(a) to 10.2(e) of the Malta Government Stock General Prospectus.

9. Over-allotment Option

The sum of money to be raised in any one or any combination of the two Stocks shall in the aggregate be Euro 200,000,000. The Accountant General reserves the right to increase the sum of money to be raised by an additional amount of up to a maximum of Euro 150,000,000 in the event of oversubscription.

10. Fungibility

The Accountant General reserves the right to issue, in future, additional amounts of each of the mentioned Stocks in further tranches. In the event of such further issues of these Stocks, they will carry the same rights as the existing Stocks and will be subject to the terms and conditions applicable to these Stocks. Further issues of these Stocks will be integrated with the respective existing Stock and will be deemed to be one Stock.

11. Trading on the Malta Stock Exchange

Pursuant to the Financial Markets Act (Cap. 345 of the Laws of Malta), an application has been made to the Malta Financial Services Authority for the Stocks to be admitted to the Official List of the Malta Stock Exchange (MSE) and to be admitted for trading on the MSE's regulated market.

12. Settlement of Successful Bids

Successful bidders at the auction shall settle the amount due in accordance with sub-articles 13.1(b) to 13.1(e) of the General Prospectus. For this purpose, the latest time and date for settlement of successful bids shall take place on **Tuesday, the 17th of October 2023 at 10.00 am (CET) on a T+2 basis.**

13. Governing Law and Jurisdiction

The relevant legislation under which Malta Government Stocks are being issued are (a) The Budget Measures Implementation Act (Cap. 634 of the Laws of Malta), (b) The Government Borrowing and Management of Public Debt Act (Cap. 575 of the Laws of Malta), (c) the Malta Government Stocks Regulations and (d) the Malta Government Stock General Prospectus.

Any legal proceedings arising under these prospectuses governing the issuance of Malta Government Stocks will be governed by and construed in accordance with the laws of Malta. The Courts of Malta will have exclusive jurisdiction in relation to any dispute that may arise out or in connection with Malta Government Stocks issued under these prospectuses.

14. Collective Action Clauses

These Stocks are subject to the Collective Action Clauses, a summarised version of which can be found in the Malta Government Stock General Prospectus. The full terms of the CACs can be found on Treasury's website under the section reserved for the Debt Management Directorate. Pursuant to the decision of the European Council of 24th-25th March 2011, and in accordance with Paragraph 3 of Article 12 of the European Stability Mechanism (ESM) Treaty, the model Collective Action Clauses (CACs) became mandatory in all new euro area government securities with maturity above one year issued on or after 1st January 2013.

Note: The value of the investment may go up and/or down during the tenor of the stock.

The Treasury
Debt Management Directorate
Floriana – Malta

6th October, 2023

Nru. 1375

AKKWIST TA' ART

PROKLAMA TAL-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

Billi bl-artikolu 71 skont l-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) tal-Liġijiet ta' Malta, huwa pprovdut illi l-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet jista' għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara b'avviż illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta'clearance jew għal jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi ddikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa tal-artikolu 71 tal-imsemmija Att, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal kull dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Is-6 ta' Ottubru, 2023
(File No. L/280/2023)

Skeda

Art fin-Naxxar:

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka ta' madwar 1,834 metru twila, b'0.90 metri wiesgħa u b'1.60 metri fond u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' aċċess orizzontali ta' madwar 310 metri twila u dijametru ta' 1.40 metri u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit.

